**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 539/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**vs**
**Rodrick Grima**

**Illum, 22 ta' Settembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Rodrick Grima ta' 34 sena, bin Grezzju u Filippa nee` Barbara, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Marzu 1998, residenti 40, Triq ic-Cimiterju, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0136688M;

Akkużat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda:

1. Nhar it-18 ta' Settembru 2022, gewwa l-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' flus, ghad-detriment ta' Andrew Ellul u/jew persuni jew entitatjiet ohra;

2. Kif ukoll talli fl-14 ta’ Settembru 2022 u/jew fil-jiem ta’ qabel gewwa il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ flus, ghad-detriment ta’ Domenic Borg u/jew persuni jew entitajiet ohra;
3. Kif ukoll talli it-12 ta’ Settembru 2022, gewwa l-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ flus kontanti  telefon cellulari, liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbga u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta’ Abdoylaye Saleh u/jew persuni jew entitajiet ohra;
4. Kif ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv a terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminal b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati; u

Il-Qorti semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu fis-seduta tat-22 ta’ Settembru 2022;

Il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2022 spjegat il-portata ta' l-ammissjoni lill-imputat u wara li tatu zmien biex jikkonsulta mal-konsulent legali tieghu u jerga' jikkunsidra l-istess ammissjoni huwa ikkonferma l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu l-Qorti m'ghandiex triq ohra ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu. Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti ma tarax li l-imputat jista' jinghata piena ohra ghajr dik karcerarja b'mod effettiv, u dan war qari akkurat tal-fedina penali ta' l-imputat, jirrizulta li l-imputat qatt ma uzufruwixxa mill-opportunitajiet moghtija lilu biex jirriforma hajtu.

Decide:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 279, 284, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Rodrick Grima hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu komplessiv ta' tmien (8) xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel bhala arrest preventiv.

Inoltre l-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien mal-process tal-kaz ghandhom jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qeghda ssib lill-imputat Rodrick Grima hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghall-perjodu komplessiv ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel bhala arrest preventiv.

Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**